MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 749/2001/1

**Woodline Ltd.**

**vs**

**Forsite Design & Project Management Services Ltd.**

**Il-Qorti,**

## I. <u>PRELIMINARI</u>

Rat ic-citazzjoni ipprezentata fit-2 ta' Mejju, 2001 fejn is-socjeta` attrici ippremettiet illi l-istess socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' elf, erba' mija u erbghin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm1,440.72c) rapprezentanti din is-somma oggetti mibjugha u konsenjati mis-socjeta` attrici.

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta` konvenuta m'ghandha l-ebda eccezzjonijiet x'taghti in

kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrici u b'hekk jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-**artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh.

Illi s-socjeta` konvenuta debitament interpellata baqghet inadempjenti.

L-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* ta' l-**artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf erba' mija u erbghin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm1,440.72).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji u l-imghax mid-data tal-pagament effettiv u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 3 tal-process kif ukoll il-lista tax-xhieda a fol. 4 tal-process.

Rat illi din il-kawza giet appuntata ghas-smiegh fil-21 ta' Mejju, 2001 u li ghal dik is-seduta dehret Greta Bugeja ghas-socjeta` attrici assistita minn Dott. David Camilleri u David Anastasi ghas-socjeta` konvenuta assistit minn Dott. Antoine Naudi.

Rat illi Dott. David Camilleri ghas-socjeta` attrici pprezenta nota ta' riduzzjoni biex b'hekk il-pretensjoni ta' l-istess socjeta` attrici issa giet ridotta ghas-somma ta' elf, mija hamsa u tmenin lira u sebgha u tmenin centezmu (Lm1,185.87c).

Illi f'din is-seduta tal-21 ta' Mejju, 2001 xehed l-imsemmi David Anastasi, rapprezentant tas-socjeta` konvenuta.

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Mejju, 2001 fejn il-Qorti wara li semghet lil imsemmi rapprezentant hasset li gie ppruvat li s-socjeta` konvenuta kellha eccezzjonijiet *prima facie* u ghalhekk akkordat lis-socjeta` konvenuta ghoxrin (20) gurnata ghall-prezentata tal-istess eccezzjonijiet bid-dokumenti kollha relattivi u rendikont dwar l-allegata tpaccija.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Forsite Design & Project Management Services Ltd. a fol. 12 tal-process epprezentata fit-8 ta' Gunju, 2001 fejn l-imsemmija socjeta` konvenuta eccepiet illi:-

1. Preliminarjament it-talbiet tas-socjeta` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u konsegwentement ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, *stante* illi, bir-rispett, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, *ai termini* ta' l-**artikolu 32(3) tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili [Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta],** kompetenza sabiex tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza *stante* illi l-meritu ta' din il-kawza hija fir-realta' u kontra dak pretiz fic-citazzjoni in dizamine, inferjuri ghas-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) kif ser jigi ampjament ippruvat fit-trattazzjoni ta' din l-eccezzjoni;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici mhuwiex cert, likwidu u dovut. Fir-realta' l-ammont dovut, wara tpacija li ghamlet is-socjeta` attrici jammonta biss ghas-somma ta' mija disgha u hamsin Lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm159.84);

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta a fol. 13 et seq. tal-process kif ukoll l-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 15 tal-process.

Rat id-dikjarazzjoni a fol. 85 maghmula minn Dott. Greta Mifsud Agius ghan-nom tas-socjeta` attrici fejn iddikjarat illi s-socjeta` attrici ma kellhiex aktar provi f'dak l-istadju.

Rat id-dikjarazzjoni a fol. 291 maghmula minn Dott. Antoine Naudi ghan-nom tas-socjeta` konvenuta fejn iddikjara illi l-istess socjeta` konvenuta ma kellhiex aktar provi u talab li jipprezenta nota.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tas-6 ta’ Gunju, 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba ghal prezentata tan-nota ta’ osservazzjonijiet u ippreffigiet terminu ta’ 40 gurnata lis-socjeta` attrici ghal prezentata ta’ tali nota bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li kellu 40 gurnata biex jirrispondi.

Rat illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta’ Dicembru, 2002.

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici ipprezentat fl-14 ta’ Gunju, 2002 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex hija tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u dan ghar-ragunijiet moghtija fl-imsemmi rikors. Rat id-digriet taghha tat-18 ta’ Gunju, 2002 fejn din il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta. Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta ipprezentata fl-4 ta’ Lulju, 2002. Rat id-digriet taghha tal-15 ta’ Lulju, 2002 fejn din il-Qorti ordnat is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u halliet il-kawza sabiex jigu konkluzi l-provi u jsiru l-kontro-ezamijiet kollha.

Rat id-dikjarazzjoni maghmula mid-difensuri tas-socjeta`jiet kontendenti a fol. 315 tal-process fejn iddikjaraw illi m’ghandhomx aktar provi u li l-kawza issa tista’ tibqa’ ghas-sentenza.

Rat illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Marzu, 2003.

## II. PROVI

Illi fis-seduta tal-21 ta’ Mejju, 2001 xehed **David Anastasi** rapprezentant tas-socjeta` konvenuta. Huwa jghid illi l-ammont, dejjem kif gie mahdum mill-istess socjeta` li huwa qieghed jirraprezenta ma jammontax ghall-ammont rikjest mis-socjeta` attrici. Jghid dan ix-xhud illi l-ammont li

attwalment ghandha taghti s-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici huwa ta' Lm159.84c.

Illi fis-seduta tat-23 ta' Jannar, 2002 xehdet **Greta Bugeja** wahda mid-diretturi tas-socjeta` attrici. Hija kkonfermat illi s-socjeta` attrici ghad fadlilha tiehu s-somma ta' Lm1,185.87 u dan bhala bilanc ta' prezz. Dan l-ammont is-socjeta` attrici waslet ghalih wara li gew pacuti diversi sommom ohra bejn l-istess socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta. Fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2002 din ix-xhud xehdet in kontro-ezami. Hija tghid illi l-*commission* li kienet dovuta lis-socjeta` konvenuta kienet tinghata lil istess socjeta` konvenuta wara li din tkun hallset l-ammonti dovuti lis-socjeta` attrici. Tghid ukoll illi sabiex huma hargu l-bilanc li dwaru saret din il-kawza hadu in konsiderazzjoni l-ammont dovut mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta bhala *'commission'*. Tghid illi l-ammont li s-socjeta` attrici kellha thallas lis-socjeta` konvenuta kien gie imnaqqas mill-ammont li s-socjeta` attrici kellha tiehu minghand is-socjeta` konvenuta. B'hekk gie l-ammont finali.

Illi fl-istess seduta hawn appena indikata xehdet ukoll **Charmaine Buhagiar**, id-"*debt controller*" tas-socjeta` attrici. Din ix-xhud tghid illi s-socjeta` attrici bdiet tinnegozja mas-socjeta` konvenuta fl-1999. Is-socjeta` konvenuta kienet tordna l-ghamara ghal terzi, is-socjeta` attrici kienet tohrog *invoice* fuq is-socjeta` konvenuta u din ta' l-ahhar thallas l-ammont hemm indikat. Minn dan l-ammont kienu jitnaqqsu ukoll xi *'commissions'* li kienu talvolta dovuti mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta. Dwar hlasijiet li kienu jkunu dovuti lis-socjeta` attrici, din ix-xhud tghid illi dawn ma kienux isiru b'mod regolari mis-socjeta` konvenuta. Il-persuna li din ix-xhud kien ikollha kuntatt maghha kien David Anastasi.

Illi x-xhud imbaghad tghaddi biex tispjega illi fl-*invoices* illi hija ipprezentat fl-atti ta' din il-kawza hemm indikati l-Woodline Ltd u The Chair Co. Ltd. Mistoqsija tispjega ghalfejn hija kellha taghmilhom it-tnejn f'daqqa, hija tghid illi *"minhabba l-pagamenti ghax bhala pagamenti kien jibghatilna on account li qatt ma kienu jirreferu ghal invoice in partikolari u ahna kellna nallokawhom".* L-istess

xhud tghid illi meta hija qalet lil David Anastasi dwar il-pagament dovut, u cioe`' l-ammont ta' Lm1,185.87, l-imsemmi Anastasi kien qalilha illi huwa kien ser jhallas. Dan kien f'Jannar, 2001. Fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2002 din ix-xhud xehdet in kontro-ezami. Fuq mistoqsija tad-difensur tas-socjeta` konvenuta jekk *"apparti dak il-pagament ta' LM512.70 u xi credit notes li kienu inghataw f'April, ftit wara li nfethet il-kawza ma kien sar l-ebda forma ta' negozju bejn is-socjeta` Forsite fis-sena 2001"* din ix-xhud wiegbet illi ma sar l-ebda negozju iehor.

Illi xehed permezz tal-procedura ta' l-affidavit, **David Anastasi**, *managing director* u azzjonista uniku tas-socjeta` konvenuta. Dwar il-mod ta' kif kien isir in-negozju bejn iz-zewg socjeta`jiet, dan ix-xhud jghid illi "*is-socjeta` tieghi kienet tordna x-xoghol minghand is-socjeta` attrici ghall-progetti li kienet giet imqabbda biex taghmel ghal terzi u ta' dan is-socjeta` attrici kienet tohrog il-fatturi relattivi. Fl-istess waqt is-socjeta` konvenuta kienet tohrog fatturi hija stess lis-socjeta` attrici ghall-kummissjonijiet dovuti fuq l-ordnijiet li kienet qed taghmel. In oltre, f'diversi okkazzjonijiet is-socjeta` attrici tat diversi 'credit notes' lis-socjeta` konvenuta fil-kors tan-negozju*".

Illi David Anastasi jghid ukoll illi huwa kien inkariga lil-*accountant* li kellu qabel sabiex hija tiltaqa ma' Charmaine Buhagiar sabiex "*jigi regolarizzat il-kont bejn iz-zewg socjeta`jiet*". Meta dan ix-xhud kien kellem lil Miriam Cassar, wara li kien sar dan l-inkontru, din l-istess Cassar kienet qaltlu illi *"kienu prattikament qablu fuq l-ammont ta' 'invoices' li l-kumpanija tieghi kellha taghti lis-socjeta` attrici izda qaltli wkoll li fil-laqghat ta' bejniethom ma kienux ivverifikaw l-ammonti dovuti mis-socjeta` attrici lejn il-kumpanija tieghi"*. Dan ix-xhud esebixxa *print out* moghtija lilu mis-socjeta` attrici u li jinsab fil-process immarkat bhala Dok. "DA 1" (a fol. 258 et seq.) minn fejn jirrizulta illi l-ammont dovut mis-socjeta` konvenuta sad-29 ta' Jannar, 2001 kien ta' Lm512.70c. Jghid ukoll illi "*mid-dokument irrejalizzajt illi s-socjeta` attrici kienet naqset l-ammonti dovuti lill-kumpanija tieghi biex b'hekk ghamlet tpaccija bejn il-kontijiet pendenti rispettivi*". Jghid ukoll dan ix-xhud illi "*fis-6 ta' April, 2001 huwa hallas dan l-ammont*

*ta' Lm512.70c biex b'hekk estingwejt il-kont mas-socjeta` attrici*". Wara Miriam Cassar, dahal bhala komputista tas-socjeta` konvenuta Noel Muscat. Dan Noel Muscat "*wara li vverifika l-fatturi kollha, il-'credit notes', il-pagamenti effetwati u tpacija li saret mis-socjeta` attrici, … infurmani illi l-ammont suppost dovut mis-socjeta` konvenuta lil dik attrici kien biss ta' LM159.84*". Fis-seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002 sar il-kontro-ezami ta' dan ix-xhud. Mistoqsi l-ghala fil-*fax* datata 25 ta' April, 2001 huwa jghid illi ghad fadal xi bilanci, u fl-istess nifs qieghed jghid illi huwa kien hallas kollox fis-6 ta' April, 2001 meta kien effettwa pagament ta' Lm512 dan ix-xhud jghid illi:-

"*apparentement wara li kien sar il-pagament ta' Lm512 li ghadek kif issemmi inti, l-kumpanija Woodline baqghet tghid li kien hemm xi affarijiet li ghad iridu jigu settled. Jien min-naha l-ohra ghedtilhom li kien hemm xi credit notes li kont ghadni rrid nircievi jien, u kont issuggerejt f'din il-fax partikolari u ghedtilhom: 'isma wasalna hawn, ghamilna tant negozju, wasalna hawn hekk, jiltaqghu l-accountants bejniethom biex nissortjaw din il-bicca xoghol tal-credit notes'. Fil-fatt minflok gara dan infethet il-kawza. Jigifieri din kienet l-ahhar ittra li jiena kont baghat lill-Woodline Ltd. Fil-fatt wara li nfethet il-kawza mbaghad baghtu l-credit note li jien qed insemmi f'din il-fax*". Finalment dan ix-xhud jghid illi sa Mejju, 2001 il-kontendenti f'din il-kawza ma kienux qablu fuq il-bilanc dovut.

Illi xehdet permezz tal-procedura ta' l-affidavit **Miriam Cassar**, li kienet tiehu hsieb il-kontijiet tas-socjeta` konvenuta, qabel ma hija spiccat tahdem ma' l-istess socjeta`. Hija tghid illi "*niftakar illi ghall-habta ta' l-ahhar ta' Ottubru 2000, David Anastasi kien talabni sabiex niltaqa' ma' l-accountant tas-socjeta` attrici sabiex jigi regolarizzat il-kont bejn iz-zewg socjeta`jiet minhabba n-numru kbir ta' transazzjonijiet li kienu qed isiru. Jiena ltqajt fl-ufficju tas-socjeta` Forsite mas-Sinjorina Charmaine Buhagiar, debt collector tas-socjeta` attrici, li kienet gabet maghha 'printout' tal-bilanci pendenti li s-socjeta` Forsite kellha thallas lis-socjeta` Woodline Ltd. Jiena bqajt maghha illi kelli nivverifika mar-records tas-socjeta` konvenuta u nerga' nikkomunika maghha. Fil-fatt jiena vverifikajt mar-*

*records tal-Forsite u hlief ghal xi affarijiet zghar, jiena qbilt illi l-ammonti mitluba mis-socjeta` Woodline Ltd kienu dovuti*".

Illi l-istess xhud tkompli tghid li:-

"*Jiena u Charmaine qbilna ukoll illi kien hemm numru sostanzjali ta' ammonti pendenti dovuti mis-socjeta` Woodline lill-Forsite rapprezentanti 'commissions' dovuti. Fuq l-ammont ezatt la jiena u lanqas Charmaine ma hassejna li kien kompitu taghna li nistabbilixxuh ghaliex kien iktar jispetta lid-diretturi taz-zewg socjeta`jiet illi jiftehmu fuq l-ammont preciz. Konna konsapevoli illi l-ammont dovut mill-Woodline lill-Forsite kien vicin hafna ta' dak dovut mill-Forsite lejn il-Woodline*".

Illi xehed ukoll bl-imsemmija procedura ta' l-affidavit, **Noel Muscat,** *accountant* tas-socjeta` konvenuta. Jghid illi d-dokumenti immarkati bhala Dok. "FM2" sa Dok. "FM60" (a fol. 17 sa 79) gew imhejjija minnu. Jghid illi "*skond dan l-ezercizzju li jiena ghamilt, jirrizulta car li l-ammont se mai dovut mis-socjeta` konvenuta lil dik attrici hija ta' Lm159.84 biss*". Dan ix-xhud fis-seduta tas-6 ta' Gunju, 2002 jghid illi skond l-i*statement* li huwa esebixxa a fol. 294 tal-process u li huwa immarkat bhala Dok. "NM 1" hemm pagament ta' Lm700 [recte: Lm704. 28c] li "*ahna ghamilnielhom li huma mhux juruh fl-istatement taghhom*".

## III. DOKUMENTAZZJONI

Illi x-xhud Charmaine Buhagiar esebit l-*invoices* relattivi, u li permezz taghhom l-istess socjeta` attrici waslet ghal ammont indikat minnha fin-nota ta' riduzzjoni. Esebiet ukoll il-pagamenti li huma ircevew, l-*credit notes* li huma hargu u l-persentagg tal-*commission* li huma kellhom jaghtu. Dawn id-dokumenti esebiti huma immarkati bhala Dok. "CB 1" (a fol. 105 u 106), Dok. "CB 2" (a fol. 107) u Dok. "CB 3" (a fol. 108 sa 110) rispettivament. Esebiet ukoll l-*invoices* mahruga mis-socjeta` konvenuta fejn fihom hemm indikat l-ammont dovut mis-socjeta` attrici bhala *commission* lill-istess socjeta` konvenuta. Dawn id-

dokumenti gewipprezentati w immarkati bhala Dok. "CB 4" sa Dok. "CB 11" (a fol. 111 sa 254) rispettivament.

## IV. KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

Illi apparti l-kwistjoni ta' kompetenza li ser tigi trattata iktar il-quddiem jidher li s-socjeta` konvenuta qed isostni li l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici ma huwiex dovut *stante* pagamenti li saru mis-socjeta` konvenuta u wkoll tpacija li sehhet *ipso iure* ghall-ammonti li allegatament kienu dovuti mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta kemm bhala *commissions* dovuti lis-socjeta` konvenuta fuq xoghol li kienet tordna minghand is-socjeta` attrici, u kif ukoll minhabba *credits notes* li abbazi tan-negozju bejn il-partijiet, u l-ftehim li kien hemm bejniethom dwar l-istess kienu jinhargu mis-socjeta` attrici a favur is-socjeta` konvenuta.

Illi dan kollu huwa kkonfermat mid-dikjarazzjoni attrici fejn addirittura jinghad li l-ammont dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici huwa biss ta' Lm159.84, u dan skond *statement* minnhom esebit bhala Dok. "FM1" a fol. 16 tal-process; sostnew biss li kellu jigi ridott l-ammont ulterjuri ta' Lm254.85 dovut bhala *credit note* mis-socjeta` attrici, u fil-fatt saret nota ta' riduzzjoni datata 21 ta' Mejju 2001 tal-istess ammont, fejn b'hekk is-sorte gie ridott ghall-Lm1,185.87.

Illi ghalhekk jidher car li s-socjeta` konvenuta ma hijiex qed tikkontesta l-ammont bhala tali ta' fornituri li saru mis-socjeta` attrici lilha, izda biss l-ammont bilancjali dovut u dan peress li l-istess socjeta` konvenuta qed tghid li l-ammont kif mitlub mhux kollu dovut kemm minhabba pagamanti li saru minnha u kemm ghaliex sehhet bejn il-partijiet tpacija kawza tal-istess *credit notes* u *commissions* dovuti mis-socjeta` attrici lilha.

Illi ovvjament f'dan il-binarju l-oneru ta' prova dwar l-istess allegazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, ta' pagament jew tpacija *ex lege* bil-mod kif fuq deskritt abbazi tal-eccezzjonijiet u sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta

jinkombi fuq l-istess socjeta` konvenuta, *stante* li huwa principju generali li min jallega jrid jipprova.

Illi hawn tajjeb li ssir referenza ghas-sentenza **"Marianna Spiteri *et vs.* Joseph Vella"** (P.A. (A.J.M.) 3 ta' Mejju 1993 – Vol. LXXVII.iii.128) fejn inghad illi *"minn dan nara li l-eccezzjoni ta' tpacija fiha innfisha tammonta ghall-ammissjoni tad-debitu u li dan id-debitu huwa dovut, biss ma ghandux jithallas ghax huwa pacut minn ammont iehor dovut mill-kreditur".* (**"Donald Orr *nomine vs.* Edward Gingell Littlejohn *et"*** - A.K. (C.S.) 18 ta' Gunju 1984 – LXVIII.ii.297; **"Stefan Zrinzo Azzopardi *nomine vs.* Michael Vella *nomine"*** – K. (A.M.) 24 ta' Frar 1995 – LXXIX.iv.1371; **"MacPherson Mediterranean Limited vs J. Lautier Company Limited"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002). Illi tant huwa minnu dan li fis-sentenza **"Rausi Insurance Services Limited vs Antione Vassallo"** (P.A. (RCP) 19 ta' Novembru 2002) inghad li ghalhekk jidher li t-tieni eccezzjoni tal-konvenut hija inkompatibbli mal-ewwel eccezzjoni tieghu stess ta' tpacija f'dik is-sentenza u dan proprju ghaliex f'dik il-kawza l-konvenut l-ewwel ecceppixxa t-tpacija u mbaghad permezz ta' eccezzjoni ohra kien ikkontesta self li minnu kien naxxenti l-istess kreditu. Ghalhekk tenut kont tal-premess sta ghas-socjeta` konvenuta li hija tipprova l-allegazzjonijiet taghha u dan relattivament ghat-tpacija minnha eccepieta.

Illi din il-Qorti, bilfors, kif inhu obbligu taghha, ser jkollha tidhol fil-metodu ta' kif inhadmu l-konteggi relattivi, sabiex b'hekk jkun jista' jintlahaq l-ammont realment dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici. Dan qieghed jinghad minkejja l-fatt illi s-socjeta` konvenuta dejjem ammettiet illi hija ghandha taghti xi haga lis-socjeta` attrici. Li ma hemmx qbil dwaru huwa l-ammont. Illi ghalhekk il-kompitu ta' din il-Qorti ser jkun limitat ghal dan il-fatt u cioe` sabiex jigi stabbilit l-ammont realment dovut.

Illi ovvjament din il-Qorti ma tapprovax bil-mod li l-partijiet ressqu l-provi taghhom, b'sensiela interminabbli ta' dokumenti u *statements,* li certament setghu gew pprezentati b'mod hafna iktar lucidu u konciz minn dak li attwalment sar, tant li kawza relattivament semplici ta'

kreditu giet resa komplikata bl-atti kollha prezentati, li wkoll mhux kollha kienu rilevanti ghall-kwistjoni odjerna, u dan peress li dak li kellu jigi ezaminat kien biss jekk il-*commissions* kollha pretizi mis-socjeta` konvenuta kienux kollha dovuti mis-socjeta` attrici u wkoll jekk fil-kuntegg tas-socjeta` attrici giex inkluz ukoll il-*credit notes* kollha li qed tipprettendi l-istess socjeta` konvenuta u jekk dawk kienux allura rejalment dovuti. Dan ghaliex hemm bazikament dak li tammonta ghall-ammissjoni da parte tas-socjeta` konvenuta ghall-fornituri da parte tas-socjeta` attrici.

Illi s-socjeta` konvenuta fl-ewwel eccezzjoni taghha tghid illi din il-Qorti ma ghandhiex kompetenza sabiex tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza *stante* li l-mertu ta' din il-kawza huwa inferjuri ghas-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) u dan a tenur tas-**subartikolu (3) ta' l-artikolu 32 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Illi dwar dan il-punt procedurali ta' kompetenza ta' din il-Qorti ssir riferenza ghas-sentenza **"Pauline Mizzi et vs Concetta Key"** (P.A. (RCP) 19 ta' Mejju 1999) fejn inghad illi tali eccezzjoni hija ibbazata fuq l-**Artikolu 47 (1) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:-

*"Il-Qorti Civili tal-Magistrati bhala qorti tal-ewwel grad tisma' u tiddeciedi l-pretensjonijiet kollha sal-ammont ta' elf lira Maltija".*

Izda tali kompetenza hija ulterjorment limitata bl-**Artikolu 47 (3)** li jipprovdi illi:-

*"Izda l-kawzi li fihom jiddahhlu kwistjonijiet dwar <u>proprieta</u>' (bl-ingliz ownership) ta' beni mmobbli, servitujiet, pizijiet, jew jeddijiet ohra maghqudin mal-immobbli ma jidhlux fil-kompetenza ta' dik il-Qorti".*

Illi skond is-sentenza **"Carmelo Calleja vs John Calleja"** (A.I. 28 ta' Ottubru 1994) gie deciz illi "*dan l-Artikolu ghandu jinqara ukoll mal-Artikolu 310 tal-Kodici Civili li jikkwalifika bhala 'hwejjeg immobbli minhabba l-haga li*

*maghha ghandhom x' jaqsmu apparti ic-cnus u is-servitujiet predjali, il-jedd ta' uzufrutt jew ta' uzu ta' immobbli u il-jedd ta' abitazzjoni'. Jeddijiet fuq il-proprieta' b' karatteristici ben defınti li ma jinkludux kommodat li huwa dritt personali 'nis in persona' u mhux 'in rem'". "Is-subinciz (d) tal-istess artikolu jikkwalifika bhala 'immobbli' ukoll kull azzjoni biex tittiehed jew tintalab lura haga immobbli, jew xi wiehed mill-jeddijiet imsemmija fl-istess artikolu".*

Illi apparti dan **l-artikolu 48 tal-Kap 12** jestendi ukoll il-kompetenza tal-istess Qorti Civili tal-Magistrati ghal kull talba ta' zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli … ... mikrija jew li qeghdin fiha persuni li joqghodu jew ghandhom ir-residenza li tkun ordinarja fil-limiti ta' gurisdizzjoni tal-Qorti.

Illi dwar il-kwistjoni ta' inkompetenza ***rationae valoris*** wiehed irid jirreferi ghall-**artikolu 746** *et sequitur* tal-**Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u in partikolari ghall-kaz *de quo* wiehed jirreferi ghall-**artikolu 748** li jiddisponi illi:-

*"Il-valur ta' l-oggett fil-kawza hu, determinat mit-talba -*

a. *meta it-talba hija ghall-hlas ta' somma determinata;*

b. *meta it-talba hija ghal haga li l-valur taghha huwa determinat fit-titolu li jaghti kawza ghall-azzjoni jew b' xi kitba ohra li torbot lill-partijiet, jew bil-fehma ta' kulhadd, jew bil-prezz korrenti."*

Illi dwar id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, is-sentenza **"Frankie Refalo vs Jason Azzopardi et"** (A.C. 7 ta' Ottubru 1997) sostniet li bhala regola *"il-kompetenza tal-Qorti hija determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet moghtija, mit-termini tal-azzjoni attrici. Huwa l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u il-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha".*

Illi ma dan pero’ irid jigi kkunsidrat fl-ambitu **tal-artikolu 753 (2)** li jiddisponi li “*meta it-talba hija maghmula biex issostni jew tattakka obbligazzjoni, il-valur jigi determinat mis-somma kollha tal-obbligazzjoni*”.

Illi hekk fil-kawza fl-ismijiet “**Anthony Zammit vs Joseph Ellul nomine**” (A.I. (J.S.P) 31 ta’ Lulju 1996) gie deciz illi:-

*“Il-kompetenza ma tiddependix bil-fors u unikament mit-talba tal-attur imma tista’ tiddependi ukoll, fejn ikun il-kaz, mill-eccezzjoni tal-konvenut (Vol. XXXVII.II.454). Jista’ jigri infatti illi ghalkemm l-azzjoni inizjalment kienet ta’ kompetenza tal-Qorti Inferjuri (billi it-talba hija ghall-hlas ta’ somma determinata entro il-kompetenza taghha) din tigi ezawtorata “ope exceptionis” bl-impunjazzjoni ta’ l-obbligazzjoni principali (Vol. XXXVII C.I.512). Dan jista’ jigri billi il-Qorti tigi necessarjament moghtija u bhala parti mill-process biex tiggudika it-talba quddiemha li tikkonsidra u tiddeciedi obbligazzjoni bejn il-kontendenti li teccedi il-komptenza taghha. Dan ifisser illi f’kazijiet simili il-komptenza tal-Qorti hija finalment determinata mill-indoli tal-obbligazzjoni in relazzjoni mal-obbligat”.*

Illi f’din l-azzjoni ma hemm l-ebda dubju li din it-talba odjerna attrici hija fl-ammont in eccess tas-somma ta’ elf lira Maltija u *di piu’* mill-eccezzjonijiet moghtija jidher car li, fil-limiti tal-principji fuq stabbiliti dan l-oneru ta’ prova li jinkombi f’dan il-kaz lis-socjeta` konvenuta, sabiex il-Qorti tasal biex tiddetermina min mill-kontendenti ghandu ragun, hi trid necessarjament tinvesti l-kwistjoni tad-diversi negozji bejniethom, id-diversi pretensjonijiet tal-kontendenti u l-pagamenti li saru biex tasal ghall-verifika jekk l-ammont bilancjali pretiz mis-socjeta` attrici hux dovut u jekk dan thallasx jew le. Din il-Qorti allura wkoll in vista tal-eccezzjonijiet jehtigielha tinvesti materja li tmur oltre l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati u dan anke kif qieghed jigi allegat mis-socjeta` konvenuta mid-diversi konteggi minnha stess esebiti, tant li din il-Qorti thoss li din l-eccezzjoni hija mhux biss infondata izda addirittura vessatorja.

Illi fil-fatt fil-kaz in ezami l-obbligazzjoni tas-socjeta` konvenuta obbligata ma tistax tittiehed b'mod izolat u limitat ghall-bilanc li l-istess socjeta` konvenuta qed tipprettendi li verament ghandha thallas, u dan ghaliex dan ma ghandu l-ebda rilevanza ghall-kwistjoni ta' komptenza fuq il-principji fuq stabbiliti w affermati mill-gurisprudenza nostrali.

Illi fil-fatt apparti t-talba attrici li minnha nfisha hija fil-kompetenza ta' din il-Qorti, in vista' tal-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, huwa car li wiehed ma jistax ihares biss lejn l-ammont li l-istess socjeta` konvenuta qed tammetti li ghandha thallas fl-ammont inferjuri ghall-komptenza ta' din il-Qorti, mhux biss ghaliex fi kwalunkwe kaz mhux dak l-ammont indikat fl-istess eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li jiddetermina l-kompetenza tal-Qrati nostrali u ta' din il-Qorti in partikolari, izda huwa car li bil-mod kif proposta l-istess eccezzjoni mill-istess socjeta` konvenuta wiehed bilfors irid ihares fl-isfond tad-diversi negozji bejnha u bejn is-socjeta` attrici u tal-konteggi bejniethom, li kif ipprezentat il-provi l-istess socjeta` konvenuta jammontaw ghall-ammonti ferm in eccess tal-kompetenza inferjuri, li huwa llum qed jecceppixxi permezz ta' l-ewwel eccezzjoni tieghu, li naturalment abbazi tal-premess qed tigi michuda a spejjez tal-istess socjeta` konvenuta.

Illi ezawrit dan il-punt dwar il-kompetenza ta' din il-Qorti, jehtieg lil Qorti sabiex tghaddi ghal fazi li jmiss u cioe`' li jigi ezaminat il-meritu u cioe`' dwar jekk il-bilanc allegatament dovut lis-socjeta` attrici mis-socjeta` konvenuta huwiex dovut jew le, u ghalhekk jekk il-pagamenti u t-tpacija eccepita mis-socjeta` konvenuta gietx effettivament ippruvata.

Illi l-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha ricenti datata 20 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet "**Joseph Camilleri vs Emanuel Calleja"** qalet:-

*"Illi fil-kors ordinarju tal-process min jallega l-pagament dan irid jissostanzjah, anke jekk biex jaghmel dan mhux necessarjament jipproduci ricevuti. Provi ohra konvincenti*

*jibbastaw skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz li jkun, kif emergenti mir-rizultanzi processwali”* (Ara **“Av. J. Buttigieg noe vs Jos. Portelli noe”**, Appell Kummercjali, 26 ta’ Jannar 1976; **“Joe Chetcuti noe vs Joseph Pearson et noe,”** Appell, 5 ta’ Ottubru 1998). Kif jinghad mill-***Phipson*** **“On Evidence**”, (11th Edition, para 103) “*In civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evidence sufficient to raise a prima facie case*”.

Illi kif inghad abbazi tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, u hawn ovvjament il-Qorti qed tirreferi ghat-tieni wahda, *stante* li l-ewwel eccezzjoni gia giet deciza, huwa l-oneru tas-socjeta` konvenuta li tipprova dak minnha allegat, *stante* li qed jigi kontestat huwa l-fatt li l-kreditu mhux dovut ghaliex thallas jew gie kompensat permezz tat-tpacija u dak li hemm dovut huwa ammont inferjuri msemmi fl-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta.

Illi huwa veru li l-istess awtur ***Phipson*** **“On Evidence”** jispjega wkoll (*op. cit,* para 91) illi r-regola “*Ei qui affirmat non ei qui negat incumbit probatio” “is adopted principally because it is but just that he who invokes the aid of the law should be the first to prove his case*”, pero’ huwa ovvju li abbazi tal-principji fuq esposti w in vista tal-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta hemm spostament fl-oneru tal-prova, la darba l-konsenji da parte tas-socjeta` attrici ma gew bl-ebda mod kontestati.

## V. OSSERVAZZJONIJIET

Illi l-konteggi li gewipprezentati jistghu jigu sintetizzati fis-segwenti mod:

| **Deskrizzjoni** | **Dok. Numru/Fol.** | **Ammont (inkluz il-VAT) f’LM** |
|---|---|---|
| | | |
| *Invoices* mahruga minn Woodline Ltd lil Forsite Design & Project Management Services Ltd. | Dok. CB 9 (a fol. 122 et seq. tal-process) | 45,732.30 |

| | | |
|---|---|---|
| *Invoice*s addizzjonali mahruga minn Woodline Ltd lil Forsite Design & Project Management Services Ltd. u li ma jinsabux indikati fid-Dok. CB 9, izda li gew esbiti bhala Dok. CB 2 | Dok. CB 2 a fol. 272 tal-process | 126.50<br><br>1,674.40 |
| | TOTAL | 47,533.20 |

| **DESKRIZZJONI** | **DOK. NUMRU/FOL.** | **AMMONT (INKLUZ IL-VAT) F'LM** |
|---|---|---|
| | | |
| Credit Note mahruga minn Forsite Design & Project Management Services Ltd. lil Woodline Ltd. | Dok. FM 60 a fol. 79 tal-process | 319.57 |

Dan l-ammont ta' Lm319.57 ghandu jizdied mal-ammont dovut lis-socjeta` attrici u cioe` mill-ammont ta' Lm47,533.20. B'hekk jigi bilanc ta' Lm47,852.77c.

Illi skond ma jirrizulta mill-process, is-socjeta` attrici harget diversi *Credit Notes* lis-socjeta` konvenuta. Is-segwenti tabella tindika dan l-ammont dovut mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta.

| **DESKRIZZJONI** | **DOK. NUMRU/FOL.** | **AMMONT (INKLUZ IL-VAT) F'LM** |
|---|---|---|
| | | |
| Credit Notes mahruga minn Woodline Ltd lill-Forsite Design & Project Management Services Ltd. | Dok. FM 41 sa Dok. FM 48 ipprezentati mis-socjeta` konvenuta u li jinsabu a fol. 56 sa fol. 63 tal-process. | 4,831.21 |

Illi b'hekk jekk wiehed innaqqas dan l-ammont ta' Lm4,831.21 mill-ammont dovut lis-socjeta` attrici originarjament, u dan kif diga indikat aktar il-fuq u cioe` l-ammont ta' Lm47,852.77 jifdal bilanc ta' Lm43,021.56.

Illi s-socjeta` konvenuta ukoll harget xi *invoice*s fil-konfront tas-socjeta` attrici liema *invoice*s gew esebiti w immarkati bhala Dok. FM 56 sa Dok. FM 59, liema dokumenti jinsabu esebiti a fol. 75 sa fol. 78 tal-process.

| **DESKRIZZJONI** | **DOK. NUMRU/FOL.** | **AMMONT (INKLUZ IL-VAT) F'LM** |
|---|---|---|
| | | |
| *Invoice*s mahruga minn Forsite Design & Project Management Services Ltd. lil Woodline Ltd. | Dok. FM 56 sa Dok. FM 59 ipprezentati mis-socjeta` konvenuta u li jinsabu esebiti a fol. 75 sa fol. 78 tal-process | 7,029.87 |

Illi dan l-ammont ta' Lm7,029.87 irrid jitnaqqas mill-bilanc aktar imsemmi ta' Lm43,021.56 biex b'hekk jifdal bilanc ta' Lm35, 991.69.

Illi s-socjeta` konvenuta ghamlet diversi pagamenti lis-socjeta` attrici u dan skond ma jirrizulta mid-Dok. CB 9 a fol. 122 tal-process ipprezentat mill-istess socjeta` attrici. Dawn il-pagamenti huma:

| **DESKRIZZJONI** | **DOK. NUMRU/FOL.** | **AMMONT (INKLUZ IL-VAT) F'LM** |
|---|---|---|
| | | |
| Pagamaneti akkont maghmula minn Forsite Design & Project Management Services Ltd. Lil Woodline Ltd. | Dok. CB 9 a fol. 122 u 123 tal-process | 15,638.92 |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| Sales Receipts mahruga minn Woodline Ltd lill-Forsite Design & Project Management Services Ltd. | Dok. CB 9 a fol. 122 u 123 tal-process | 12,916.23 |
| | | |
| Commissions dovuti minn Woodline Ltd lil Forsite Design & Project Management Services Ltd. | Dok. CB 9 a fol. 122 u 123 tal-process | 7,399.51 |
| | | |
| | TOTAL | 35,954.66 |

B’hekk jekk dan l-ammont ta’ Lm35,954.66 jitnaqqas mill-bilanc ta’ Lm35,991.69c jifdal bilanc ta’ Lm37.03 favur is-socjeta` attrici.

Illi mid-dokumentazzjoni esebita mill-kontendenti f’din il-kawza ma jirrizultax illi l-ammont ta’ Lm360.18 (Ara Dok. CB 11 a fol. 247 tal-process) tnaqqas mill-ammont dovut lis-socjeta` attrici. Jekk wiehed inaqqas dan l-ahhar ammont ta’ Lm360.18 mill-bilanc ta’ Lm37.03 hawn appena imsemmi jifdal bilanc favur is-socjeta` konvenuta ta’ Lm323.15.

Illi din il-Qorti sejra tinjora id-dokumenti kollha esebiti in konnessjoni ma’ *invoices* u *Sales Ledger Reports* (Dok. “CB 10” a fol. 217 sa fol. 246 tal-process) u *invoices* u *Sales Ledger Reports* (a fol. 252 sa 254 tal-process) peress li f’dawn hemm indikata socjeta` ohra: The Chair Company Limited, li ma ghandha x’taqsam xejn mal-kawza odjerna maghmula mis-socjeta` Woodline Limited u Forsite Design & Project Management Services Limited.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet t-talba tas-socjeta` attrici ma tistax tigi milqugha.

## <u>VI. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, tilqa’ in parte t-tieni eccezzjoni tal-istess, u dan fis-sens biss li l-ammont rikjest mis-socjeta` attrici mhux dovut, u **tichad it-talba attrici** *stante* li hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi dwar il-kap tal-ispejjez, is-socjeta` konvenuta ghandha thallas l-ispejjez kollha dwar l-ewwel eccezzjoni taghha dwar il-kompetenza, u fil-mertu l-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mis-socjeta` attrici.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------